TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/236/14/S

Nello Micallef
Vs
Orienta Limited

Illum 27 ta'Marzu,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Nello Micallef ipprezentata fl-24 ta'Novembru,2014 u r-risposta tas-socjeta Orienta Limited ipprezentata fit-12 ta'Dicembru,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-avukati tal-partijiet jitrattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminary mressqa mis-socjeta intimata;

Ikkunsidra

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta intimata tirrigwarda l-fatt mhux kontestat li r-rikorrenti ma rritornax l-oggett in kwistjoni jew ma ddepozitahx taht l-awtorita tal-Qorti;

Illi t-tieni eccezzjoni preliminari tirrigwarda n-nuqqas ta' avviz bil-miktub mill-konsumatur lill-kummercjant b'kull nuqqas ta'konformita u dan fi zmien xaghrejn mid-data li l-konsumatur induna b'dan in-nuqqas;

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni il-gurisprudenza hi kostanti fis-sens li l-oggett ghandu jigi ritornat lill-venditur jew depozitat taht l-awtorita tal-Qorti;

Illi fil-fatt id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta'Gunju,2005 fl-ismijiet "Joseph Vella noe vs Anthony Migneco et noe" tikkwota decizjonijiet ohra fuq l-istess linji;

Illi dan hu element essenzjali f'azzjonijiet simili u fatali jekk ma jitwettaqx;

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa';

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, din qed tigi michuda ghax saret il-prova kif rikjesta fl-artikolu 79(1) tal-Kap 38 tal-Ligijiet ta'Malta;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa mis-socjeta Orienta Limited filwaqt li Jichad it-tieni eccezzjoni mressqa mill-istess socjeta u konsegwentement Jichad it-talba ta' Nello Micallef, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru